It-Tlieta 9 ta' Marzu 2021

P9_TA(2021)0062

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Valter Flego

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2021 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Valter Flego (2020/2054(IMM))

(2021/C 474/20)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Valter Flego, imressqa fid-19 ta' Frar 2020 mill-President tal-Kunsill tal-Qorti tal-Kontea ta' Rijeka fir-Repubblika tal-Kroazja b'rabta mal-proċedimenti kriminali pendenti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Kontea ta' Rijeka, u mħabbra fis-seduta plenarja fis-26 ta' Marzu 2020,

— wara li kkunsidra r-rinunzja ta' Valter Flego għad-dritt tiegħu li jinstema' skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019 [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 75 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-Artikoli 23 sa 28 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Kroat,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0023/2021),

A. billi l-President tal-Qorti Kriminali tal-Kontea ta' Rijeka ressaq talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Valter Flego b'rabta mal-proċedimenti pendenti mressqa kontrih għar-reat kriminali ta' abbuż tal-uffiċċju fis-sens tal-Artikolu 291(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali [2];

B. billi fil-kapaċità tiegħu ta' Sindku tal-Belt ta' Buzet, il-Kroazja, mill-1 ta' April 2010 sat-30 ta' Mejju 2013, huwa allegatament iffaċilita l-pagamenti illegali ta' supplimenti ta' salarju lilu nnifsu, bħala Sindku, lill-Viċi Sindku tiegħu, lid-Direttur tal-Uffiċċju tas-Sindku u lil tliet diretturi oħra;

C. billi Valter Flego ġie elett fil-Parlament Ewropew insegwitu tal-elezzjonijiet ta' Mejju 2019;

D. billi l-allegat reat ma jikkonċernax opinjonijiet espressi jew voti mitfugħa minn Valter Flego fil-qadi ta' dmirijietu fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

E. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddisponi li l-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

F. wara skont l-Artikolu 75(2) u (3) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja:

"Ebda deputat ma għandu jittella' l-qorti, jiġi detenut jew ikkastigat għal opinjoni espressa jew għal vot mitfugħ fil-Parlament Kroat.

Ebda rappreżentant ma għandu jiġi detenut, u lanqas ma għandhom jinbdew proċedimenti kriminali kontrih, mingħajr il-kunsens tal-Parlament Kroat";

---

[1] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C 163/10, ECLI: EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

[2] Gazzetta Uffiċjali tal-Kroazja, 125/11, 144/12, 56/15, 61/15, 101/17, 118/2018 u 126/2019.

It-Tlieta 9 ta' Marzu 2021

G. billi l-allegat reat ma għandu ebda effett ċar jew dirett fuq il-qadi, mis-Sur Flego, ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

H. billi huwa l-Parlament waħdu li jiddeċiedi, f'każ partikolari, jekk ineħħix l-immunità jew le; billi l-Parlament jista' b'mod raġonevoli jqis il-pożizzjoni tal-Membru meta jiddeċiedi jekk ineħħix l-immunità tiegħu jew le ([3]);

I. billi l-għan tal-immunità parlamentari huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li huma inseparabbli minn dawn l-attivitajiet;

J. billi r-reati li bihom huwa akkużat Valter Flego seħħew qabel l-elezzjoni tiegħu fil-Parlament Ewropew;

K. billi, f'dan il-każ, il-Parlament ma sab ebda evidenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri fatti li jindikaw li l-proċedimenti ġudizzjarji inkwistjoni nbdew bl-intenzjoni li ssir ħsara lill-attività politika tal-Membru, inkluża l-attività tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

L. billi, minn naħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħa l-oħra, il-Membru ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tneħħija tal-immunità, jitqies bħala "akkużat" ([4]);

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Valter Flego;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtoritajiet Kroati u lil Valter Flego.

([3]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote vs il-Parlament*, T-345/05, EU:T:2008:440, punt 28.
([4]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019, *Briois vs il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.